MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Numru 61/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**John Borg**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat John Borg prezentati fl-14 ta' Jannar, 2011.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat Difensur kif ukoll tal-Ufficjal Prosekutur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi d-difiza spjegat illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni mihiex qed toggezzjona ghax-xhieda kollha indikata f'dak il-paragrafu izda biss f'dik il-parti fejn jirrakontaw dak illi semghu minn ghand haddiehor, liema

xiehda tikkostitwixxi “hearsay evidence” u ghalhekk ghandha tigi skartata.

L-istess japplika ghat-tieni, t-tielet u r-raba’ eccezzjoni, bid-differenza illi hawnhekk si tratta ta’ tobba w “social workers” mhux nominati mill-Qorti u kwindi l-opinjonijiet taghhom mhumiex ammessibbli.

Ghalhekk il-Qorti sejra tittratta dawn l-erba` eccezzjonijiet flimkien.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi l-artikolu dizpositti li jirrigwarda xhieda fuq kliem haddiehor jinsab fl-artikolu 598 tas-COCP res applikabbli bl-artikolu 645 tal-Kap. 9.

Bhala principju l-artikolu jghid li l-Qorti ma tiehux qis ta’ xhieda dwar fatti li x-xhud jghid illi gie jafhom minghand haddiehor jew li qallu haddiehor. Dana meta dan il-haddiehor ikun jista` jingieb bhala xhud fuq dawk il-fatti. Ghal dan l-artikolu pero` hemm eccezzjoni li jaghti deskrizzjoni skond ic-cirkostanzi lill-Qorti li tiehu qis kliem xiehda dwar fatti li x-xhud jghid illi gie jafhom minghand haddiehor. L-artikolu in kwistjoni huwa 599 “li tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor u tiehu qis taghha meta dna l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-meritu .......”

Il-Qorti tirrileva li dana huwa kaz delikat hafna ta’ stupru li jinvolvi l-minuri, fejn l-unika persuna li tista` tixhed direttament fuq dak illi gara hija l-minuri stess, tifla ta’ hdax-il sena, li mhux mistenni minnha li tifhem dak li qed jigri wisq inqas li tirrakonta ezattament dak illi gralha. Ghalhekk peress illi din it-tifla tirrikorri ghand il-genituri li, naturalment minn nahha taghhom jirrikorru ghand il-Pulizija w esperti fil-materja, hu mistenni illi dawn in-nies kollha involuti b’mod jew iehor jaghtu x-xiehda taghhom.

Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu, dan ir-reat isir fil-mohbi i zgur mhux se jkun hemm xhieda

okolari oltre l-partijiet involuti. Allura f'dan il-kaz bil-fors trid taqa` fuq nies illi ghandhom ix-xjenza dwar dan ir-reat. F'dawn ic-cirkostanzi bil-fors trid taqa` fuq ammont ta' "hearsay" ghax il-vittma zghira wisq biex titkellem.

Ghalhekk huwa fl-interess tal-gustizzja illi l-Qorti tara l-assjem tal-provi kollha minghajr "a priori" twarrab xhud jew iehor, ghax dawn jistghu jkunu l-lehen tal-istess allegata vittma fejn din wahdeha ma tistax titkellem.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi skond ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ix-xhieda indikati mill-prosekuzzjoni huma ta' "importanza sostanzjali" skond id-dizpost tal-artikolu 599 tal-Kap. 12 u ghalhekk ghandhom ikunu awtorizzati jaghtu x-xiehda taghhom regolari viva voce quddiem il-gurija.

Ghal dak li jirrigwarda l-hames eccezzjoni gie ddikjarat mill-Avukat Generali illi WPS 209 Rachel Caruana kienet prezenti waqt id-dikjarazzjonijiet tal-genituri.

Ghalhekk din il-Qorti tqis illi din ix-xhud hija rilevanti u ghandha taghti d-deposizzjoni taghha fil-kawza.

L-ahhar aggravju gie irtirat mid-difiza permezz ta' nota pprezentata fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2011 u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiehu konjizzjoni taghha.

Finalment il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza billi jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali maghmula permezz tan-nota tad-19 ta' Frar, 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------